**Parlament Ewropew**

2014-2019

TESTI ADOTTATI

# P8_TA(2017)0346

## Korruzzjoni u drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2017 dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi (2017/2028(INI))

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni (UNCAC) li daħlet fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2005[1],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni tal-Uffiċjali Pubbliċi Barranin fit-Tranżazzjonijiet Ekonomiċi Internazzjonali u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għall-Ġlieda Ulterjuri kontra l-Korruzzjoni tal-2009, ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Possibilità ta' Tnaqqis tat-Taxxa tal-Korruzzjoni għall-Uffiċjali Pubbliċi Barranin u strumenti oħra relatati[2],

– wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija kif adottat fl-2012 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019) adottat mill-Kunsill Affarijiet Barranin fl-20 ta' Lulju 2015,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem kif adottati fl-2914-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2008[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti bit-titolu "Transforming our World: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Trasformazzjoni tad-Dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli), adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015[4],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) intitolat "Politika dwar il-prevenzjoni u t-trażżin ta' aġir ipprojbit fl-attivitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment" (Politika Kontra l-Frodi tal-BEI) adottati fit-8 ta' Novembru 2013[5],

1 https://www.unodc.org/unodc/en/treaties/CAC/
2 http://www.oecd.org/daf/anti-bribery/ConvCombatBribery_ENG.pdf
3 http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=URISERV:l33601
4 http://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E
5 http://www.eib.org/attachments/strategies/anti_fraud_policy_20130917_mt.pdf

– wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: l-Implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti "Protezzjoni, Rispett u Rimedju"[1],

– wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-20 ta' Ġunju 2016[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar ir-responsabbiltà tal-kumpaniji għal abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u segwitu għar-riżoluzzjoni CRIM[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2015 dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa u miżuri oħra ta' natura jew effett simili[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2015 dwar l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa bħala sfidi għall-governanza, il-protezzjoni soċjali u l-iżvilupp fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2015 dwar ir-rivelazzjonijiet reċenti ta' każijiet ta' korruzzjoni fl-ogħla livelli tal-FIFA[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu[9],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2013 dwar il-korruzzjoni fis-settur pubbliku u f'dak privat: l-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi[10],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-Liġi Ċivili dwar il-Korruzzjoni, u r-riżoluzzjonijiet (98) 7 u (99) 5, adottati mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fil-5 ta' Mejju 1998 u fl-1 ta' Mejju 1999 rispettivament, li jistabbilixxu l-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ġakarta dwar il-Prinċipji għall-Aġenziji Kontra l-Korruzzjoni, adottata fis-26 u s-27 ta' Novembru 2012[11],

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Panama dwar is-Seba' Konferenza Annwali u l-Laqgħa Ġenerali tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Awtoritajiet Kontra l-Korruzzjoni (IAACA), adottata fit-22-24 ta' Novembru 2013,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-istituzzjonijiet

---

1 http://www.ohchr.org/Documents/Publications/GuidingPrinciplesBusinessHR_EN.pdf
2 http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10254-2016-INIT/mt/pdf
3 Testi adottati, P8_TA(2016)0405.
4 Testi adottati, P8_TA(2016)0403.
5 Testi adottati, P8_TA(2016)0310.
6 Testi adottati, P8_TA(2015)0408.
7 ĠU C 265, 11.8.2017, p. 59.
8 ĠU C 407, 4.11.2016, p. 81.
9 ĠU C 208, 10.6.2016, p. 89.
10 ĠU C 181, 19.5.2016, p. 2.
11 https://www.unodc.org/documents/corruption/WG-Prevention/Art_6_Preventive_anti-corruption_bodies/JAKARTA_STATEMENT_en.pdf

nazzjonali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem adottata fis-17 ta' Diċembru 2015 u r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-istituzzjonijiet nazzjonali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem adottata fid-29 ta' Settembru 2016[1],

– wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kumitat Konsultattiv tal-Kunsill tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-kwistjoni tal-impatt negattiv tal-korruzzjoni fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem tal-5 ta' Jannar 2015[2],

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Unjoni Afrikana dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u l-Ġlieda kontriha (AUCPCC)[3],

– wara li kkunsidra l-inizjattiva "Global Compact" biex l-istrateġiji u l-miżuri jkunu bbażati fuq il-prinċipji universali tad-drittijiet tal-bniedem, tal-impjiegi, tal-ambjent u tal-korruzzjoni kontra l-korruzzjoni[4],

– wara li kkunsidra l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' Transparency International,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0246/2017),

A. billi l-korruzzjoni hija fenomenu globali kumpless, li jolqot kemm it-Tramuntana kif ukoll in-Nofsinhar, li jista' jkun definit bħala abbuż tal-poter fdat għal gwadann privat individwali, kollettiv, dirett jew indirett, u joħloq theddida gravi għall-interess pubbliku u għall-istabilità u għas-sigurtà politiċi u soċjali peress li jimmina l-fiduċja pubblika u l-effiċjenza u l-effikaċja tal-istituzzjonijiet, u l-valuri tad-demokrazija, tal-etika, tal-ġustizzja, tal-iżvilupp sostenibbli u tal-governanza tajba;

B. billi l-korruzzjoni tista' tirrigwarda kemm sforzi fuq skala żgħira li l-iskop tagħhom huwa li jinfluwenzaw lill-individwi, lill-uffiċjali pubbliċi jew lill-attwazzjoni tas-servizzi pubbliċi, kif ukoll tentattivi fuq skala kbira biex iwaqqgħu s-sistemi politiċi, ekonomiċi u/jew ġuridiċi, u għall-promozzjoni u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-inkoraġġiment tal-estremiżmu, it-tnaqqis tad-dħul mit-taxxa u s-sostenn tan-netwerks tal-kriminalità organizzata;

C. billi l-korruzzjoni hija kkawżata mill-fatt li s-sistemi politiċi, ekonomiċi u ġudizzjarji jonqsu milli joffru sorveljanza u obbligu ta' rendikont sodi u indipendenti;

D. billi t-tnaqqis tal-korruzzjoni huwa essenzjali għat-tkabbir ekonomiku, għat-tnaqqis tal-faqar, għall-ħolqien tal-ġid, għall-edukazzjoni, għas-sigurtà soċjali, għall-assistenza sanitarja, għall-iżvilupp infrastrutturali u għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll biex tinbena l-fiduċja fl-istituzzjonijiet, fl-impriżi u fil-politika;

E. billi f'bosta pajjiżi l-korruzzjoni mhux biss tikkostitwixxi ostaklu sistemiku sinifikanti għar-realizzazzjoni tad-demokrazija, tar-rispett tal-Istat tad-dritt, tal-libertà politika u tal-iżvilupp sostenibbli kif ukoll tad-drittijiet tal-bniedem kollha fil-qasam ċivili,

[1] http://nhri.ohchr.org/EN/AboutUs/Governance/Resolutions/A.HRC.RES.33.15%20EN.pdf

[2] http://www.ohchr.org/EN/HRBodies/HRC/RegularSessions/Session28/Documents/A_HRC_28_73_ENG.doc

[3] http://www.eods.eu/library/AU_Convention%20on%20Combating%20Corruption_2003_EN.pdf

[4] https://www.unglobalcompact.org/what-is-gc/mission/principles

politiku, ekonomiku, soċjali u kulturali, iżda tista' wkoll tikkawża ħafna każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-korruzzjoni tirrappreżenta wieħed mill-aktar tipi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem inqas ikkunsidrati inkwantu talimenta l-inġustizzja, l-inugwaljanza, fost affarijiet oħra, fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji u ekonomiċi, l-impunità, l-azzjoni arbitrarja, l-estremiżmu politiku u reliġjuż u l-kunflitt;

F. billi hija u thedded il-konsolidament tad-demokrazija u l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u timmina l-awtoritajiet Statali, il-korruzzjoni tista' twassal għal irvellijiet soċjali, fosthom il-vjolenza, il-protesta ċivili u instabilità politika gravi; billi l-korruzzjoni tibqa' katalizzatur sistematikament traskurat ta' kunflitti fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jwassal għal ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali u għall-impunità ta' dawk li jikkommettuhom; billi l-*istatus quo* tal-korruzzjoni u tal-arrikkiment illeċitu f'karigi ta' poter statali wassal għall-ikkaparrar tal-poter u għall-kontinwazzjoni tal-kleptokrati fil-poter;

G. billi f'bosta pajjiżi livelli għoljin ta' korruzzjoni jwasslu għal rati baxxi ta' żvilupp uman, soċjali u ekonomiku, livelli baxxi ta' edukazzjoni u ta' servizzi pubbliċi, drittijiet ċivili u politiċi limitati u ftit jew xejn kompetizzjoni politika u libertà tal-mezzi tal-komunikazzjoni kemm online kif ukoll offline, u lakuni fl-Istat tad-dritt;

H. billi l-korruzzjoni tħalli impatt f'termini ta' tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem, għandha riperkussjonijiet negattivi speċifiċi u tolqot b'mod sproporzjonat il-gruppi l-aktar żvantaġġati u emarġinati tas-soċjetà, bħan-nisa, it-tfal, il-persuni b'diżabilità, l-anzjani, il-fqar, il-popolazzjonijiet indiġeni jew il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, partikolarment billi jitħallew barra minn aċċess indaqs għall-parteċipazzjoni politika, għall-programmi u s-servizzi pubbliċi u soċjali, għall-ġustizzja, għas-sikurezza, għar-riżorsi naturali fosthom l-art, għall-impjiegi, għall-edukazzjoni, għas-saħħa u għall-alloġġi; billi l-korruzzjoni taffettwa wkoll il-progress biex tintemm id-diskriminazzjoni u jkunu promossi l-ugwaljanza tal-ġeneru u l-emanċipazzjoni tan-nisa, u jkunu limitati l-kapaċitajiet tan-nisa li jaffermaw drittijiethom; billi l-korruzzjoni tikkawża distorsjonijiet fid-daqs u fil-kompożizzjoni tan-nefqa pubblika, b'hekk tipperikola b'mod gravi l-kapaċità li jkunu sfruttati sal-massimu r-riżorsi kollha disponibbli bil-għan li jkunu żgurati d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali, il-funzjonament korrett tad-demokrazija u tal-Istat tad-dritt kif ukoll l-iżvilupp ta' etika komuni;

I. billi l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) nru 16 tan-NU jiffoka fuq il-paċi, il-ġustizzja, il-bini ta' istituzzjonijiet b'saħħithom u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; billi sabiex l-SDG 16 jintlaħaq b'mod universali, l-UE teħtieġ li tindirizza, b'urġenza u b'mod dirett, kwistjonijiet varji li fihom il-korruzzjoni tiżvolġi rwol ewlieni, u li jvarjaw minn ksur tad-drittijiet tal-bniedem, sal-faqar, il-ġuħ u l-inġustizzja;

J. billi sabiex tkun indirizzata l-korruzzjoni jeħtieġ li jsiru sforzi maqbula biex tkun affrontata kemm il-korruzzjoni fil-livelli għoljin kif ukoll il-korruzzjoni fil-livelli baxxi fil-pajjiżi terzi u fl-Istati Membri tal-UE, b'kont meħud, każ b'każ, tal-patroċinju ġerarkiku, tas-sistemi ta' kumpensi u tal-klijenteliżmu fl-istrutturi tal-poter, li spiss jorbtu r-reati ta' korruzzjoni u l-impunità fl-ogħla livell mal-korruzzjoni fil-livelli baxxi li għandha riperkussjonijiet diretti fuq il-ħajjiet tal-popolazzjoni u fuq l-aċċess ta' din tal-aħħar għas-servizzi bażiċi;

K. billi mhuwiex possibbli li tkun indirizzata l-korruzzjoni mingħajr impenn politiku b'saħħtu f'livell għoli, indipendentement mill-abilità, mill-ħila u mir-rieda tal-korpi nazzjonali ta' viġilanza u ta' eżekuzzjoni tal-liġi;

L. billi l-konsegwenzi ekonomiċi tal-korruzzjoni huma estremament negattivi, speċjalment f'termini tal-impatt tagħha fuq iż-żieda tal-faqar u tal-inugwaljanza fost il-popolazzjoni,

il-kwalità tas-servizzi pubbliċi, is-sigurtà, l-aċċess għall-assistenza sanitarja komprensiva u għal standard għoli ta' edukazzjoni, l-infrastrutturi, l-opportunitajiet soċjoekonomiċi għall-individwi u l-emanċipazzjoni ekonomika, partikolarment it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u f'termini ta' skoraġġiment tal-imprenditorija u t-telf ta' investiment;

M. billi, pereżempju, il-korruzzjoni lill-UE tiswieha bejn EUR 179 biljun u EUR 990 biljun f'termini ta' PDG fis-sena[1];

N. billi, skont il-Bank Dinji, madwar USD 1 000 biljun jitħallsu kull sena f'tixħim fid-dinja kollha u li t-telf ekonomiku totali minħabba l-korruzzjoni jikkorrispondi, skont l-istimi, għal ċifra ferm ogħla;

O. billi l-kriminalità organizzata, li tirrappreżenta problema serja f'bosta pajjiżi u għandha dimensjoni transfruntiera, spiss hija marbuta mal-korruzzjoni;

P. billi l-atti ta' korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tipikament jinvolvu l-użu ħażin tal-poter, in-nuqqas ta' responsabilità, l-ostaklu għall-ġustizzja, l-użu ta' influwenza mhux xierqa u l-istituzzjonalizzazzjoni ta' diversi forom ta' diskriminazzjoni, il-klijenteliżmu u d-distorsjoni tal-mekkaniżmi tas-suq; billi l-korruzzjoni turi korrelazzjoni qawwija mal-lakuni fl-Istat tad-dritt u fil-governanza tajba, u billi spiss timmina l-effikaċja tal-istituzzjonijiet u tal-entitajiet fdati bil-kompitu li jiggarantixxu sistema ta' kontrolli u kontrokontrolli u r-rispett tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem, bħall-parlamenti, l-awtoritajiet inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-liġi, is-sistema ġudizzjarja u s-soċjetà ċivili; billi fil-pajjiżi li fihom l-Istat tad-dritt huwa mminat mill-korruzzjoni, kemm l-implimentazzjoni kif ukoll it-tisħiħ tal-oqfsa ġuridiċi huma mxekkla minn imħallfin, avukati, prosekuturi, uffiċjali tal-pulizija, inkwirenti u awdituri korrotti;

Q. billi l-korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem huma fenomeni li jinvolvu kondotta mhux integra u ineffiċjenza tal-awtoritajiet, u billi l-kredibilità u l-leġittimità tal-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati jistgħu jkunu garantiti biss jekk il-ġestjoni ta' kuljum tagħhom tkun imsejsa fuq kultura ta' integrità rigoruża;

R. billi l-prattiki bħall-frodi elettorali, il-finanzjament illeċitu tal-partiti politiċi, il-klijenteliżmu jew l-influwenza sproporzjonata perċepita tal-flus fil-politika jnaqqru l-fiduċja fil-partiti politiċi u fir-rappreżentanti eletti, fil-proċess elettorali u fil-gvernijiet, jimminaw il-leġittimità demokratika u l-fiduċja pubblika fil-politika u jistgħu jdgħajfu konsiderevolment id-drittijiet ċivili u politiċi; billi regolamentazzjoni inadegwata u nuqqas ta' trasparenza u sorveljanza tal-finanzjamenti politiċi jistgħu joħolqu opportunitajiet ta' influwenza mhux dovuta u ndħil fit-tmexxija tal-affarijiet pubbliċi; billi l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni jistgħu wkoll jintużaw bħala strument politiku biex jiġu skreditati l-politiċi;

S. billi l-korruzzjoni fis-settur ġudizzjarju tikser il-prinċipji tal-ugwaljanza, tan-nondiskriminazzjoni, l-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal proċess ġust u għal rimedju effettiv, li huma strumentali fl-applikazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha l-oħra u fil-prevenzjoni tal-impunità; billi l-assenza ta' sistema ġudizzjarja u ta' amministrazzjoni pubblika indipendenti trawwem l-isfiduċja fil-konfront tal-istituzzjonijiet pubbliċi, b'hekk jiddgħajjef l-Istat tad-dritt u, xi kultant, tkun alimentata l-vjolenza;

T. billi huwa diffiċli li titkejjel l-korruzzjoni, peress li spiss tinvolvi prattiki illegali li jinsatru deliberatament, għad li ġew żviluppati u implimentati ċerti mekkaniżmi biex

1 http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/579319/EPRS_STU%28016%29579319_EN.pdf

jidentifikaw, jimmonitorjaw, ikejlu u jiġġieldu l-korruzzjoni;

U. billi t-teknoloġiji l-ġodda, bħar-reġistri distribwiti (distributed ledgers) jew it-tekniki u l-metodoloġiji ta' investigazzjoni open source joffru opportunitajiet ġodda biex tiżdied it-trasparenza tal-attivitajiet governattivi;

V. billi t-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni b'mod partikolari, huwa strument siewi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; billi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tad-dritt kriminali u tad-dritt privat tfisser l-adozzjoni ta' miżuri ta' repressjoni u ta' rimedju; billi l-promozzjoni u t-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, tal-Istat tad-dritt u tal-governanza tajba huma elementi essenzjali għal strateġiji antikorruzzjoni sostenibbli u li rnexxew;

W. billi l-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-approċċ tal-ġustizzja kriminali u dak ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem biex tkun ittrattata l-korruzzjoni jista' jirriżulta fl-indirizzar tal-effetti kollettivi u ġenerali tal-korruzzjoni u jista' jipprevjeni erożjoni sistemika tad-drittijiet tal-bniedem bħala impatt dirett jew indirett tal-korruzzjoni;

X. billi l-isforzi internazzjonali kontra l-korruzzjoni għandhom qafas istituzzjonali u ġuridiku f'evoluzzjoni iżda teżisti lakuna sinifikanti fl-implimentazzjoni minħabba n-nuqqas ta' rieda politika jew ta' mekkaniżmi sodi ta' infurzar; billi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-isforzi kontra l-korruzzjoni jkun joħloq bidla fil-paradigma u jista' jikkontribwixxi biex tingħalaq il-lakuna fl-implimentazzjoni permezz tal-mekkaniżmi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali għall-monitoraġġ tal-konformità mal-obbligi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

Y. billi l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni hija l-uniku strument antikorruzzjoni universali vinkolanti mil-lat ġuridiku u li jkopri ħames oqsma prinċipali: il-miżuri preventivi, il-kriminalizzazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-liġi, il-kooperazzjoni internazzjonali, l-irkurpu tal-assi u l-assistenza teknika u l-iskambju ta' informazzjoni;

Z. billi l-obbligi eżistenti f'livell internazzjonali jirrappreżentaw mekkaniżmi idonei biex jittieħdu miżuri adatti u raġonevoli għall-prevenzjoni u għall-ikkastigar tal-korruzzjoni fis-settur pubbliku u dak privat, partikolarment fil-qafas tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali u ta' strumenti rilevanti oħrajn fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

AA. billi l-ġudikatura, l-ombudsmen u l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem (INDB) kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jiżvolġu rwol fundamentali biex tkun indirizzata l-korruzzjoni u l-potenzjal tagħhom jista' jitqawwa bis-saħħa ta' kooperazzjoni stretta mal-aġenziji nazzjonali u internazzjonali antikorruzzjoni;

AB. billi għandha tittieħed azzjoni biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni permezz tat-titjib tat-trasparenza, tal-obbligu ta' rendikont u ta' miżuri biex tingħeleb l-impunità fi ħdan l-Istati u tal-prijoritizzazzjoni tal-iżvilupp tal-istrateġiji u tal-politiki speċifiċi li mhux biss jiġġieldu l-korruzzjoni iżda wkoll jgħinu biex jiġu żviluppati u/jew jinbnew politiki pubbliċi f'dan ir-rigward;

AC. billi kemm is-soċjetà ċivili kif ukoll is-settur privat jistgħu jiżvolġu rwol determinanti fit-tiswir tar-riforma istituzzjonali ħalli jissaħħu t-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont; billi jistgħu jinsiltu tagħlimiet mill-esperjenza tal-movimenti għad-drittijiet tal-bniedem fis-sensibilizzazzjoni tas-soċjetà ċivili dwar il-konsegwenzi negattivi tal-korruzzjoni u fit-tisħiħ tal-alleanzi mal-istituzzjonijiet statali u mas-settur privat favur il-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

AD. billi l-assenza ta' mezzi tal-komunikazzjoni liberi, kemm online kif ukoll offline, mhux

biss tillimita d-dritt fundamentali għal-libertà tal-espressjoni iżda toħloq ukoll kundizzjonijiet favorevoli biex jiffjorixxu prattiki mċajprin, korruzzjoni u mġiba ħażina; billi l-mezzi ta' komunikazzjoni indipendenti u panorama medjatiku varju u pluralistiku jiżvolġu rwol importanti għall-garanzija tat-trasparenza u tal-iskrutinju, permezz tar-rapportar, tal-investigazzjoni u tal-kxif tal-korruzzjoni u jissensibilizzaw l-opinjoni pubblika dwar ir-rabta bejn il-korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi f'bosta pajjiżi, inklużi l-Istati Membri tal-UE, jeżistu liġijiet dwar il-malafama, bħall-kriminalizzazzjoni ta' atti meqjusin "ta' malafama", li x'aktarx idgħajfu l-libertà tal-kelma u l-mezzi ta' komunikazzjoni u jaqtgħu qalb l-informaturi u l-ġurnalisti milli jikxfu attivitajiet korrotti;

AE. billi bosta organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom l-assoċjazzjonijiet antikorruzzjoni u l-assoċjazzjonijiet ta' difiża tad-drittijiet tal-bniedem, it-trade unions, il-ġurnalisti investigattivi, il-bloggers u l-informaturi, jikxfu każijiet ta' korruzzjoni, frodi, ġestjoni ħażina u ksur tad-drittijiet tal-bniedem minkejja jesponu lilhom infushom beraħ għar-riskju ta' atti ta' tpattija, anki fil-post tax-xogħol, libell jew akkużi ta' malafama u b'hekk ipoġġu lil persunithom fil-periklu; billi n-nuqqas ta' protezzjoni kontra r-ritaljazzjoni, il-libell u l-liġijiet dwar il-malafama u n-nuqqas ta' investigazzjoni indipendenti u kredibbli jistgħu lkoll jaqtgħu qalb in-nies milli jitkellmu; billi l-UE għandha dmir li tħarishom, b'mod partikolari billi toffri appoġġ pubbliku, anki billi tattendi u tosserva l-proċessi li fihom ikunu parti d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u tuża bl-aktar mod effikaċi l-istrumenti tagħha bħall-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR); billi l-garanzija ta' rispett u implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni eżistenti hija indispensabbli; billi min jikxef każijiet ta' korruzzjoni jmissu jkollu d-dritt għall-kunfidenzjalità fir-rigward tal-identità tiegħu jew tagħha, suġġett għall-garanziji għal proċess ġust; billi l-informaturi jmisshom jingħataw protezzjoni internazzjonali mill-prosekuzzjoni;

AF. billi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni għandha tinkludi wkoll miżuri biex jinqerdu l-kriminalità organizzata, ir-rifuġji fiskali, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-flussi finanzjarji illeċiti kif ukoll l-iskemi li jippermettuhom, peress li dawn jostakolaw l-iżvilupp sostenibbli, il-progress, il-prosperità u l-obbligu ta' rendikont min-naħa tal-pajjiżi;

AG. billi ħafna pajjiżi terzi għad ma għandhomx il-kapaċità li jiskambjaw l-informazzjoni fil-qasam tat-taxxa mal-pajjiżi tal-UE u b'hekk ma jirċievu l-ebda informazzjoni mill-pajjiżi tal-UE relatata maċ-ċittadini tagħhom li, potenzjonalment, qegħdin jevadu t-taxxa;

AH. billi l-finanzjamenti tal-UE lill-pajjiżi terzi, anki f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, jeħtieġ li jkunu sorveljati kif suppost b'sistema ċara ta' kontrolli u kontrokontrolli fil-pajjiżi benefiċjarji, b'tali mod li jkunu evitati opportunitajiet ta' korruzzjoni li jistgħu ifeġġu, joħroġ fid-dieher kull abbuż u jinkixfu l-uffiċjali korrotti;

AI. billi l-kontroll tal-korruzzjoni u tal-flussi finanzjarji illeċiti jirrappreżenta kwistjoni politika li teħtieġ tkun indirizzata b'mod komprensiv u fil-livell dinji u transnazzjonali (G20, NU, OECD, Bank Dinji, FMI);

AJ. billi l-Forum Internazzjonali għall-Integrità tal-Isport (IFSI) li sar f'Lausanne, fl-Iżvizzera, fi Frar 2017, ippromwova l-kollaborazzjoni bejn il-gvernijiet, l-entitajiet internazzjonali għall-isports u organizzazzjonijiet oħrajn, bil-għan li tkun indirizzata l-korruzzjoni fl-isport;

1. Jappella li tittieħed azzjoni kollettiva fuq livell nazzjonali u internazzjonali għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u għall-ġlieda kontriha, peress li l-korruzzjoni tinfirex lil

hinn mill-fruntieri u li l-kooperazzjoni msaħħa bejn il-pajjiżi u bejn ir-reġjuni għandha bżonn tkun mħeġġa parallelament mal-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-Istati jieħdu sehem attiv fi ħdan il-fora internazzjonali biex jiddiskutu u jilħqu deċiżjonijiet komuni dwar il-prattiki tajba u l-politiki adatti għas-sitwazzjoni speċifika ta' kull reġjun, sabiex il-korruzzjoni tkun indirizzata bħala fenomenu trasversali kumpless u interkonness li jostakola l-iżvilupp politiku, ekonomiku u soċjali u jalimenta l-kriminalità internazzjonali, inklużi l-attivitajiet relatati mat-terroriżmu;

2. Jirriżolvi li jħejji rapport ta' aġġornament regolari dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem matul kull leġiżlatura;

3. Jemmen li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni jeħtiġilha tinkludi approċċ ta' sħubija bejn is-settur pubbliku u dak privat u jwissi li jekk dan ma jsirx, se jrabbu l-għeruq il-faqar, l-inugwaljanza u d-dannu għar-reputazzjoni u se jonqsu l-investimenti barranin, jitpoġġew f'sogru l-opportunitajiet ta' ħajja taż-żgħażagħ u ma titkissirx ir-rabta bejn il-prattiki korrotti u t-terroriżmu;

4. Jinsab imħasseb bin-nuqqas ta' implimentazzjoni u infurzar tal-istrumenti nazzjonali u internazzjonali eżistenti tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, bħall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, il-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (Linji Gwida Ruggie), il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim; jistieden lill-pajjiżi firmatarji japplikawhom b'mod sħiħ biex jipproteġu aħjar iċ-ċittadini tagħhom; iwiegħed li jikkollabora mas-sħab internazzjonali biex jiżdied in-numru ta' Stati li jiddeċiedu li jsaħħu l-proċessi demokratiċi u joħolqu istituzzjonijiet responsabbli;

5. Jinsab imħasseb bil-vessazzjonijiet, it-theddid, l-intimidazzjoni u r-ritaljazzjoni li jġarrbu l-membri tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom l-assoċjazzjonijiet antikorruzzjoni u l-movimenti għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, il-bloggers u l-informaturi li jikxfu u jiddenunzjaw każijiet ta' korruzzjoni; jistieden lill-awtoritajiet jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiggarantixxu l-integrità fiżika u psikoloġika tagħhom u jiżguraw investigazzjonijiet immedjati, bir-reqqa u imparzjali, bil-għan li kull min hu responsabbli jittella' quddiem il-ġustizzja f'konformità mal-istandards internazzjonali;

6. Iħeġġeġ lill-parteċipanti tas-Summit Antikorruzzjoni li sar Londra fl-2016 jirrispettaw l-obbligi li ħadu biex jindirizzaw il-kawżi tal-korruzzjoni u jsibu metodi neċessarji għall-promozzjoni tat-trasparenza, kif ukoll jagħtu appoġġ lill-persuni li ntlaqtu l-aktar;

7. Ifakkar li hu essenzjali li l-UE tiżviluppa strateġija esterna kontra l-korruzzjoni, sabiex tiġi miġġielda l-korruzzjoni u l-kriminalità finanzjarja b'mod effikaċi;

8. Jenfasizza li l-Istati huma marbutin li jirrispettaw l-obbligi tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem skont it-termini tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni u jinkoraġġixxi lill-pajjiżi li għadhom mhumiex parti biex jagħmlu dan; jissottolinja li l-Istati huma responsabbli li jipprevjenu u, fl-aħħar mill-aħħar, jirreaġixxu għal kwalunkwe impatt negattiv tal-korruzzjoni fil-ġurisdizzjoni tagħhom;

9. Jirrikonoxxi r-responsabilità tal-partijiet politiċi kkonċernati tal-operaturi tan-negozju biex jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u jindirizzaw il-korruzzjoni; jisħaq fuq il-bżonn ta' integrazzjoni ta' prospettiva tad-drittijiet tal-bniedem fl-istrateġiji antikorruzzjoni biex ikunu implimentati politiki preventivi u obbligatorji effikaċi li jirrigwardaw kwistjonijiet bħat-trasparenza, il-liġijiet fil-qasam tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika, il-protezzjoni tal-informaturi u l-kontrolli esterni;

10. Jirrakkomanda li l-UE tintensifika s-sostenn favur l-istrumenti internazzjonali biex tiżdied it-trasparenza fis-setturi ekonomiċi l-aktar suxxettibbli għall-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u għall-korruzzjoni;

11. Isostni t-twaqqif ta' politika moderna, trasparenti u effikaċi u ta' oqfsa ġuridiċi għall-ġestjoni tar-riżorsi naturali u jemmen li tali miżuri jistgħu jikkostitwixxu armi qawwijin kontra l-korruzzjoni; jilqa' favorevolment l-Inizjattiva għat-trasparenza tal-industriji estrattivi (EITI) u jistieden lill-UE tqawwi s-sostenn biex tgħin lill-pajjiżi b'ħafna riżorsi jimplimentawha inkwantu strument globali qawwi għall-promozzjoni tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont rigward il-ġestjoni tad-dħul li jkun ġej mir-riżorsi naturali; jemmen li l-ħolqien ta' qafas ġuridiku effikaċi li jiżgura l-applikazzjoni korretta tal-prinċipji EITI min-naħa tal-kumpaniji u tal-partijiet ikkonċernati involuti fil-katini tal-provvista tas-setturi taż-żejt, tal-minjieri u tal-gass hija miżura kruċjali li jenħtieġ li l-UE trawwimha;

12. Jirrakkomanda li tingħata attenzjoni partikolari lin-neċessità li jkunu indirizzati u mrażżna l-flussi ta' kapital illeċiti mill-Afrika u partikolarment dawk iġġenerati mill-estrazzjoni ta' minerali minn minjieri li jinsabu f'żoni ta' kunflitt;

13. Jinnota li l-korruzzjoni hija fenomenu kumpless li għandu l-għeruq tiegħu f'varjetà wiesgħa ta' fatturi ekonomiċi, politiċi, amministrattivi, soċjali u kulturali, u relazzjonijiet ta' poter, u għalhekk ifakkar li l-politika ta' żvilupp, sabiex tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, filwaqt li tiffoka fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanzi, u fuq integrazzjoni aħjar, trid ukoll tippromovi d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-Istat tad-dritt u s-servizzi soċjali pubbliċi, sabiex issaħħaħ il-governanza tajba u tibni l-kapital soċjali, l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni soċjali, b'kunsiderazzjoni tal-partikolaritajiet kulturali u reġjonali;

14. Jisħaq fuq il-fatt li wieħed mill-modi l-aktar effikaċi ta' kif issir prevenzjoni tal-korruzzjoni huwa t-tnaqqis tal-intervent tal-Istat u tal-intermedjazzjoni burokratika u l-promozzjoni ta' regolamentazzjonijiet aktar sempliċi;

***Kunsiderazzjonijiet dwar il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem fir-relazzjonijiet bilaterali***

15. Jissottolinja l-bżonn li jkun integrat il-prinċipju tas-sjieda lokali u demokratika tal-proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-programmi ta' assistenza tal-UE bil-għan li standard minimu ta' trasparenza jkun żgurat; jevidenzja li l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE jenħtieġ li jkunu bbażati fuq in-normi antikorruzzjoni, il-kundizzjonijiet iffukati, fost oħrajn, fuq ir-riżultati u jinkludu tapep, indikaturi u rapportar annwali tal-progress ċari u l-impenji meħuda mill-pajjiżi sħab, bil-għan li jitjieb l-assorbiment tal-appoġġ finanzjarju tal-UE;

16. Ifakkar fil-bżonn ta' monitoraġġ permanenti tal-proġetti ffinanzjati mill-UE u li l-awtoritajiet tal-pajjiżi benefiċjarji jinżammu responsabbli fil-każ li l-finanzjamenti tal-UE ma jintużawx b'mod adegwat u jisħaq fuq il-bżonn li jkunu involuti l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti; jenfasizza wkoll il-bżonn li kwalunkwe kuntrattur li jirċievi finanzjamenti mill-UE jiddivulga totalment l-informazzjoni rikjesta kollha, inkluża s-sjieda benefiċjarja u l-istruttura tal-kumpanija;

17. Jirrakkomanda li l-UE u l-fornituri internazzjonali l-oħra ta' għotjiet u self iwettqu awditjar fuq l-għotijiet, is-self u l-pakketti ta' assistenza u jagħmlu analiżi rigoruża tad-diliġenza dovuta fuq il-gvernijiet u l-organizzazzjonijiet benefiċjarji biex jevitaw li jfornu "renti" lill-awtoritajiet kleptokratiċi u lil organizzazzjonijiet ikkontrollati minn dawn tal-aħħar u mill-assoċjati tagħhom; huwa tal-fehma, f'dan il-kuntest, li jenħtieġ li jitħeġġu anki l-evalwazzjonijiet bejn il-pari;

18. Jevidenzja l-importanza fundamentali tal-aġenda antikorruzzjoni matul in-negozjati għall-adeżjoni mal-UE;

19. Jistieden lill-UE tinkludi klawsola antikorruzzjoni flimkien mal-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet mal-pajjiżi terzi li jenħtieġ li tirrikjedi monitoraġġ u konsultazzjonijiet u, bħala l-aħħar rimedju, timponi sanzjonijiet jew tissospendi tali ftehimiet fl-eventwalità ta' korruzzjoni serja u/jew sistemika li twassal għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem;

20. Jistieden lill-UE tiżviluppa prinċipji għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli għolja inkwantu reat fil-qafas tad-dritt nazzjonali u internazzjonali, tittratta l-każijiet miftuħin ta' impunità għall-korruzzjoni korruzzjoni fil-livelli għolja permezz ta' eżekuzzjoni aktar stretta tal-liġijiet antikorruzzjoni u timplimenta riformi biex timla d-distakki sistemiċi fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali li jippermettu lir-rikavat miksub bil-korruzzjoni fil-livelli għoljin jaqsmu l-fruntieri u jevadu s-sorveljanza tar-regolaturi finanzjarji u tal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati;

21. Jenfasizza l-bżonn li tingħata attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ u lill-evalwazzjoni kontinwi u strutturati tal-implimentazzjoni effikaċi tal-UNCAC min-naħa tal-Istati Membri tal-UE u mill-pajjiżi li magħhom l-UE ppjanat jew qiegħda tippjana li tikkonkludi kwalunkwe tip ta' ftehim;

22. Jistieden lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri, fid-dawl tal-*corpus* ta' liġijiet tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jieħdu rwol ta' tmexxija fil-livell internazzjonali u jippromwovu l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-pajjiżi sħab tal-UE;

23. Jistieden lill-UE tippromwovi miżuri antikorruzzjoni u mekkaniżmi effikaċi għall-parteċipazzjoni pubblika u l-obbligu ta' rendikont fuq livell pubbliku, inkluż id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni u l-implimentazzjoni tal-prinċipji fil-qasam ta' data miftuħa, fid-djalogi u fil-konsultazzjonijiet kollha rilevanti fl-ambitu tad-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi terzi u tiffinanzja proġetti mmirati lejn id-definizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' dawn il-miżuri;

24. Jisħaq fuq l-importanza tal-investigazzjoni abbażi ta' sorsi miftuħa għar-riċerka antikorruzzjoni; jistieden lill-UE tiffinanzja adegwatament lill-organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-investigazzjoni abbażi ta' sorsi miftuħa u fil-ġbir diġitali ta' provi ta' korruzzjoni, bil-għan li jinkixfu l-uffiċjali korrotti u jkun żgurat l-obbligu ta' rendikont;

25. Jistieden lill-UE tiffinanzja r-riċerka dwar l-applikazzjonijiet tar-reġistri distribwiti li jafu jintużaw biex titjieb it-trasparenza tal-bejgħ tal-beni pubbliċi, jinżamm traċċa tal-finanzjamenti tad-donaturi fil-qafas tal-għajnuna barranija tal-UE u jgħinu biex ikunu indirizzati l-frodi tal-votanti;

26. Jilqa' pożittivament l-isforzi kostanti fil-qafas tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp tal-Istrument Ewropew tal-Viċinat biex jiġu stabbiliti u konsolidati istituzzjonijiet antikorruzzjoni indipendenti u effikaċi;

27. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni joħolqu programmazzjoni konġunta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, partikolarment inizjattivi dwar it-titjib tat-trasparenza, il-ġlieda kontra l-impunità u t-tisħiħ tal-aġenziji antikorruzzjoni; iqis li dawn l-isforzi għandhom jinkludu appoġġ favur l-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem b'indipendenza u imparzjalità murija bil-provi sabiex jieħdu wkoll azzjoni fil-każijiet ta' korruzzjoni, anki permezz tal-kapaċità investigattiva biex jinħolqu rabtiet bejn il-korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-kooperazzjoni mal-aġenziji antikorruzzjoni u rinviji għall-prosekuzzjoni jew lill-

aġenziji inkarigati mill-eżekuzzjoni tal-liġi; jistieden ukoll lill-UE u lill-Istati Membri jintensifikaw il-programmi ta' kooperazzjoni ġudizzjarja tagħhom mal-pajjiżi terzi sabiex jiġu promossi l-iskambju tal-prattiki tajba u strumenti effikaċi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

28. Jistieden lill-UE tkompli ssostni l-istituzzjonijiet antikorruzzjoni stabbiliti fil-pajjiżi terzi b'indipendenza u imparzjalità murija bil-provi, bħal, ngħidu aħna, il-Kummissjoni Internazzjoni tal-Gwatemala kontra l-Impunità (CICIG), kif ukoll inizjattivi mmirati lejn il-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-iskambju tal-aħjar prattiki u ż-żieda fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet; iħeġġeġ lil dawn il-pajjiżi jfornu lill-istituzzjonijiet l-istrumenti kollha neċessarji, inklużi s-setgħat investigattivi, biex jagħmlu xogħolhom b'mod effikaċi;

29. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiddirieġu fondi ulterjuri biex jassistu fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' protezzjoni li jindirizzaw lill-membri tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom l-assoċjazzjonijiet antikorruzzjoni u l-movimenti għad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti, il-bloggers u l-informaturi li jikxfu u jiddenunzjaw il-każijiet ta' korruzzjoni u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jinsisti li kull aġġornament futur tal-linji gwida tal-UE dwar id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, l-għajnuna għall-iżvilupp jew kull nota ta' gwida dwar l-implimentazzjoni tagħhom jinkludu riferiment espliċitu u miżuri li jrawmu l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, bil-għan li jkun iffaċilitat ir-rapportar ta' atti suspettati ta' korruzzjoni, mingħajr biża' ta' tpattija, u jingħata appoġġ lill-komunitajiet li batew kaġun ta' dan; jilqa' b'sodisfazzjon il-proċess ta' konsultazzjoni li l-Kummissjoni nediet dan l-aħħar dwar il-protezzjoni tal-informaturi ta' irregolaritajiet; jenfasizza li jenħtieġ li ċ-ċentri ta' informazzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem fid-delegazzjonijiet tal-UE jagħtu wkoll attenzjoni partikolari lil dawn il-gruppi fil-mira u jżommu kuntatt mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'hekk jiggarantixxu l-viżibilità u l-protezzjoni internazzjonali tagħhom u jattivaw ukoll, b'dan il-mod, kanali siguri għar-rapportar tal-irregolaritajiet;

30. Jisħaq fuq il-fatt li l-entitajiet ta' viġilanza, l-uffiċjali lokali inkarigati mill-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-prosekuturi b'indipendenza u imparzjalità murija bil-provi, kif ukoll l-informaturi u x-xhieda ta' każijiet speċifiċi għandhom ilkoll jibbenefikaw minn assistenza u sostenn mill-UE permezz tar-rappreżentanza fil-post u billi jintbagħtu jieħdu sehem fi programmi ta' taħriġ fl-Ewropa; jenfasizza li, meta jixraq, dan is-sostenn għandu jsir pubbliku;

31. Jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE jużaw l-inizjattivi lokali u diplomazija pubblika fil-livell lokali u internazzjonali biex jiddenunzjaw każijiet ta' korruzzjoni u impunità, partikolarment meta jwasslu għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden ukoll lid-delegazzjonijiet tal-UE u lill-ambaxxati tal-Istati Membri jinkludu rapporti dwar il-korruzzjoni (sew analiżi sistematika jew każijiet speċifiċi) fit-tgħarrif lis-SEAE u lill-Istati Membri;

32. Jirrakkomanda li s-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE jinkludu parametru ta' riferiment speċifiku dwar ir-rabta bejn il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem fid-Dokumenti ta' Strateġija għall-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, meta jkun il-każ, u barra minn hekk, dan il-punt jitqies bħala waħda mill-prijoritajiet tar-rappreżentanti speċjali tal-UE fil-qadi ta' dmirijiethom; jitlob partikolarment lill-UE tindirizza l-korruzzjoni direttament fid-dokumenti ta' programmazzjoni u ta' strateġija għall-pajjiż u torbot kwalunkwe appoġġ ta' baġit lil pajjiżi terzi ma' riformi konkreti għat-trasparenza u ma' miżuri antikorruzzjoni oħrajn;

33. Jirrakkomanda li l-Fond Ewropew għad-Demokrazija u l-mekkaniżmu komprensiv tal-UE għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (protectdefenders.eu) għandhom

jikkonċentraw fuq programmi speċifiċi għall-protezzjoni tal-attivisti antikorruzzjoni li jikkontribwixxu wkoll għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem;

34. Jistieden lill-UE twaqqaf mekkaniżmi għat-tressiq ta' lmenti li permezz tagħhom il-persuni milquta mill-azzjonijiet esterni tagħha jistgħu jilmentaw dwar l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u każijiet ta' korruzzjoni;

35. Itenni l-appell li sar fir-riżoluzzjonijiet preċedenti li l-UE għandha tieħu, mill-aktar fis possibbli, il-lista tas-sanzjonijiet Magnitsky kontra t-32 uffiċjal tal-Istat Russu responsabbli mill-mewt tal-informatur Russu Sergei Magnitsky, quddiem il-Kunsill biex jadottaha u jimponi sanzjonijiet immirati fil-konfront ta' dawn l-uffiċjali bħal projbizzjoni tal-viżi għall-UE kollha u l-iffriżar tal-assi finanzjarji li tagħhom huma detenturi fl-Unjoni Ewropea;

36. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri tal-UE jikkunsidraw li jadottaw leġiżlazzjoni bil-għan li jkunu stabbiliti kriterji ċari għat-tniżżil f'lista sewda u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet simili fil-konfront ta' individwi ta' pajjiżi terzi, u l-familjari tagħhom, li kkommettew ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem jew kienu responsabbli jew kompliċi jew li ordnaw, ikkontrollaw jew altrimenti indirizzaw l-atti ta' korruzzjoni sinifikanti, inkluża l-konfiska tal-beni pubbliċi jew privati għal gwadann personali, il-korruzzjoni marbuta mal-kuntratti pubbliċi jew mal-estrazzjoni ta' riżorsi naturali, tixħim, jew il-faċilitazzjoni jew it-trasferiment ta' assi miksuba illegalment f'ġurisdizzjonijiet barranin; jisħaq fuq il-fatt li l-kriterji ta' inklużjoni fil-lista jenħtieġ li jkunu mfassla abbażi ta' sorsi dokumentati sewwa, konverġenti u indipendenti u ta' provi konvinċenti, u jipprevedu mekkaniżmi ta' dritt għall-kumpens għal dawk fil-mira; jevidenzja l-importanza tal-pubbliċità ta' din il-lista biex talimenta l-informazzjoni neċessarja min-naħa tal-entitajiet li għandhom l-obbligu li jagħmlu, fost affarijiet oħra, l-analiżi tad-diliġenza dovuta tal-klijenti skont id-Direttiva tal-UE dwar il-Ħasil tal-Flus[1];

37. Jistieden lill-UE tikkonforma mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (Artikolu 208 TFUE) u tikkontribwixxi b'mod attiv sabiex permezz tal-politiki esterni tagħha, tnaqqas il-korruzzjoni, u tiġġieled l-impunità b'mod dirett u espliċitu;

38. Jistieden lill-UE ssaħħaħ it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp, sabiex tikkonforma b'mod effikaċi mal-istandards stabbiliti fl-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna (IATI) u ma' prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp maqbula fuq livell internazzjonali; jistieden lill-UE tiżviluppa wkoll sistema ta' ġestjoni tar-riskju qawwija u olistika li tipprevjeni l-għajnuna għall-iżvilupp milli tikkontribwixxi għall-korruzzjoni f'pajjiżi benefiċjarji, jiġifieri billi torbot l-appoġġ baġitarju ma' objettivi ċari kontra l-korruzzjoni; għal dan l-għan, jenfasizza l-ħtieġa li jinħolqu mekkaniżmi b'saħħithom għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-appoġġ baġitarju;

39. Jistieden lill-Kummissjoni, sabiex tinqered il-korruzzjoni fil-livelli għoljin, tagħti attenzjoni, fil-kuntest tal-appoġġ mill-baġit lit-trasparenza tal-operazzjonijiet li jinvolvu l-privatizzazzjoni u l-akkordji ta' beni pubbliċi, partikolarment artijiet, u tipparteċipa fil-programmi ta' appoġġ tal-OECD fil-governanza tal-kumpaniji ta' impriżi ta' proprjetà statali, għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali u l-evitar tat-taxxa billi tgħinhom jibnu sistemi tat-taxxa bbilanċjati, effikaċi, ġusti u trasparenti;

41. Iqis li l-UE, bħala l-ikbar donatur dinji, għandha tippromwovi forom ta' kollegament,

---

1 ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

sabiex il-provvista tal-għajnuna esterna tal-UE tkun suġġetta għal riformi fiskali mmirati biex iżidu t-trasparenza, biex id-data ssir aktar aċċessibbli u biex tħeġġeġ approċċi mwettqa b'mod konġunt flimkien ma' donaturi oħrajn;

42. Jenfasizza l-impatt negattiv profond tal-korruzzjoni fuq il-kummerċ u l-vantaġġi tiegħu, l-iżvilupp ekonomiku, l-investimenti u l-proċessi ta' akkwist pubbliku u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu f'kunsiderazzjoni din ir-rabta fil-ftehimiet kummerċjali kollha u tinkludi fihom klawsoli eżegwibbli relatati mad-drittijiet tal-bniedem u mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

43. Jirrimarka li l-politika kummerċjali tikkontribwixxi għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri difiżi mill-UE, kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jinkludu d-demokrazija, l-Istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u l-ugwaljanza; jenfasizza li hija essenzjali l-konsistenza bejn il-politiki esterni u interni tal-Unjoni, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jissottolinja li, f'dan ir-rigward, il-leġiżlaturi Ewropej jassumu rwol partikolari fil-faċilitazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali, peress li jridu jevitaw li dawn iservu bħala triq ta' aċċess għall-prattiki ta' korruzzjoni;

44. Jikkunsidra l-ftehimiet kummerċjali bħala mekkaniżmu fundamentali għall-promozzjoni tal-miżuri relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u mal-governanza tajba; jilqa' b'sodisfazzjon il-miżuri li l-UE diġà ħadet biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni fil-politika kummerċjali tagħha, pereżempju permezz tas-SPĠ+, il-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-inklużjoni ta' impenji biex jiġu rratifikati l-konvenzjonijiet internazzjonali kontra l-korruzzjoni mas-sħab kummerċjali; itenni l-għan iddikjarat fl-istrateġija "Kummerċ għal kulħadd" li jiġu inklużi dispożizzjonijiet ambizzjużi relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha; f'dan ir-rigward, jappella biex il-ftehimiet kummerċjali futuri kollha jinkludu impenji relatati mal-adeżjoni għall-konvenzjonijiet multilaterali dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni u l-Konvenzjoni tal-OECD kontra t-tixħim, kif ukoll dispożizzjonijiet trasversali, fil-kuntest ta' approċċ globali, u li dawn l-impenji jiġu integrati fil-ftehimiet kummerċjali fis-seħħ waqt ir-reviżjoni tagħhom;

45. Jisħaq fuq il-fatt li l-partijiet firmatarji tal-ftehimiet kummerċjali għandhom jieħdu miżuri biex jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva tas-settur privat, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-gruppi konsultattivi nazzjonali fl-implimentazzjoni tal-programmi u tal-klawsoli relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment internazzjonali; jemmen li l-protezzjoni tal-informaturi għandha tiġi kkunsidrata għall-inklużjoni fi ftehimiet kummerċjali futuri ladarba jkun hemm sistema fis-seħħ fl-UE kollha;

46. Jirrikonoxxi l-importanza ta' gwida u appoġġ ċari għall-impriżi biex joħolqu proċeduri ta' konformità effikaċi kontra l-korruzzjoni fi ħdan l-operazzjonijiet tagħhom, partikolarment għall-SME, permezz tad-dispożizzjonijiet speċjali fil-ftehimiet kummerċjali biex ikunu jistgħu jindirizzaw il-korruzzjoni; jenfasizza li m'hemmx approċċ universali għall-konformità; jappella lill-Kummissjoni tikkunsidra tiżviluppa assistenza għal proġetti ta' bini ta' kapaċitajiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, bħalma huma l-iskambju tal-aħjar prattiki u taħriġ biex l-Istati u l-impriżi jiġu megħjuna jegħlbu l-isfidi li jistgħu jiltaqgħu magħhom f'dan il-qasam;

47. Jilqa' pożittivament id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ tad-WTO fi Frar 2017 li jipprevedi miżuri għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-kummerċ globali; jemmen, madankollu, li l-adozzjoni jew ir-riforma ta' leġiżlazzjoni mhumiex fihom nfushom biżżejjed u li hija l-implimentazzjoni li hija fundamentali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-riforma leġiżlattiva għandha bżonn tkun akkumpanjata minn taħriġ tal-

ġudikatura, aċċess pubbliku għall-informazzjoni u miżuri ta' trasparenza, u jappella lill-Istati Membri tal-UE jikkooperaw f'dawn il-kwistjonijiet fil-ġlieda tagħhom kontra l-korruzzjoni; jirrimarka wkoll li l-ftehimiet kummerċjali jistgħu jgħinu fil-monitoraġġ tar-riformi nazzjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma' politiki relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tinnegozja dispożizzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha, b'monitoraġġ effikaċi tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-korrużjoni; jappella f'dan is-sens lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-inklużjoni, fil-mandati tan-negozjati, ta' dispożizzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kif tipproponi l-Kummissjoni fl-abbozzi ta' mandati li tagħtihom; jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-mandat ta' negozjati għall-aġġornament tal-ftehim bejn l-UE u l-Messiku. jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tiġġieled il-korruzzjoni permezz ta' trasparenza akbar fin-negozjati tal-ftehimiet kummerċjali u l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet relatati ma' kooperazzjoni regolatorja akbar u mal-integrità tal-proċeduri doganali u mal-katini ta' valur mondjali; jemmen li l-klawsoli relatati mal-kooperazzjoni għandhom ikunu fis-seħħ biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni, bħall-iskambju ta' informazzjoni, u l-assistenza amministrattiva u teknika, bl-għan li jiġu kondiviżi u promossi l-aħjar prattiki li se jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet u indikaturi tal-prestazzjoni ċari u rilevanti li jippermettu l-valutazzjoni u t-turija aħjar tar-riżultati;

49. Jenfasizza l-importanza li jinżamm djalogu kontinwu u regolari mas-sħab kummerċjali tal-UE matul l-implimentazzjoni tal-ftehimiet sabiex jiġi żgurat li l-ftehimiet b'mod ġenerali, kif ukoll id-dispożizzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jiġu mmonitorjati u implimentati b'mod xieraq; jinnota l-proposta tal-Kummissjoni fl-istrateġija tagħha "Kummerċ għal Kulħadd" li jiġu introdotti mekkaniżmi ta' konsultazzjoni f'każijiet ta' korruzzjoni sistemika u nuqqasijiet ta' governanza, u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra li tissospendi l-benefiċċji ta' ftehim f'tali każijiet ta' korruzzjoni sistematika u ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji relatati mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni jew mal-istandards internazzjonali fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, bħal pereżempju l-Istandard Komuni ta' Rappurtar tal-OECD, il-Pjan ta' Azzjoni tal-OECD dwar l-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitt, ir-reġistru ċentrali tas-sjieda benefiċjarja u r-rakkomandazzjonijiet tal-FATF; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet u indikaturi tal-prestazzjoni ċari u rilevanti li jippermettu l-valutazzjoni u t-turija aħjar tar-riżultati; jistieden, barra minn hekk, lill-Kummissjoni tirreaġixxi b'mod sod, proporzjonat u malajr meta l-gvern benefiċjarju jonqos milli jikkonforma ma' dak li ntlaħaq qbil dwaru; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi ta' konsultazzjoni ma' sħab kummerċjali f'każijiet ta' korruzzjoni sistemika u tipprovdi skambji ta' għarfien espert biex jgħinu l-pajjiżi jimplimentaw il-miżuri kontra l-korruzzjoni;

50. Jinnota li l-ftehimiet kummerċjali jridu jinkludu klawsoli obbligatorji u eżegwibbli dwar id-drittijiet tal-bniedem li jiżguraw li l-kumpaniji privati u l-awtoritajiet tal-Istat jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-ogħla standards soċjali u ambjentali, li huma essenzjali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

***Żvilupp tal-intelligence tal-UE dwar in-netwerks tal-korruzzjoni u l-intermedjarji***

51. Jistieden lis-SEAE jkun pijunier fil-formazzjoni ta' task forces bejn l-ambaxxati tal-Istati Mrmbri u d-delegazzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi terzi, permezz tagħhom l-uffiċjali diplomatiċi jkunu jistgħu janalizzaw u jikkondividu informazzjoni dwar l-istruttura u l-

funzjonament tan-netwerks lokali tal-korruzzjoni fl-ogħla livell tal-poter u jibnu biżżejjed intelligence ħalli jipprevjenu l-kollużjoni tal-UE mar-reġimi kleptokratiċi; jemmen li tali informazzjoni għandha tkun trażmessa lill-istituzzjonijiet tal-UE permezz ta' kanali diplomatiċi u siguri; jissuġġerixxi wkoll li d-delegazzjonijiet tal-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri jnisġu relazzjonijiet mill-qrib mal-popolazzjoni lokali, partikolarment permezz ta' djalogu regolari ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ġenwini u indipendenti, bil-għan li jiġbru informazzjoni affidabbli relatata mal-korruzzjoni lokali, il-faċilitaturi kruċjali u l-uffiċjali arrestati;

52. Huwa tal-fehma li l-kumpaniji għandhom jirrapportaw ukoll lill-entitajiet tal-UE kull meta jiġu mitluba tanġenti mingħandhom u/jew ikunu rikjesti jinvestu f'pajjiżi terzi permezz ta' intermedjarji lokali jew kumpaniji tal-isem bħala sħab;

53. Jisħaq fuq il-fatt li, fid-dawl tal-informazzjoni miġbura, jenħtieġ li l-linji gwida speċifiċi għal kull pajjiż ikunu kondiviżi mal-missjonijiet ċivili u militari u mal-aġenziji donatriċi tal-UE biex ikun hemm sensibilizzazzjoni tar-riskji involuti fil-kollaborazzjoni mal-kuntratturi lokali, mal-kumpaniji privati tas-sigurtà u mal-fornituri tas-servizzi li s-sidien benefiċjarji tagħhom jafu huma kollegati ma' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ma' netwerks tal-korruzzjoni;

***Koerenza interna-esterna***

54. Jemmen li l-UE tista' biss tassumi rwol ta' tmexxija kredibbli u influwenti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni jekk tindirizza l-probelma tal-kriminalità organizzata, tal-korruzzjoni u tal-ħasil tal-flus fi ħdan il-fruntieri tagħha b'mod adegwat; jiddispjaċih li, f'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tagħtix segwitu lir-rapport antikorruzzjoni tal-UE tal-2014, li offra analiżi ġdida tal-korruzzjoni fi ħdan l-Istati Membri tal-UE, li kieku kien jirrinforza lill-kredibilità tal-UE biex tippromwovi aġenda antikorruzzjoni ambizzjuża fil-politiki esterni tagħha; jevidenzja li l-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE għandhom jagħmlu rapportar u awtovalutazzjoni regolari, ambizzjużi u rigorużi konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni u l-mekkaniżmi ta' rieżami tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq aktar politiki u inizjattivi leġiżlattivi biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni u tagħmel pressjoni favur aktar integrità u trasparenza fl-Istati Membri;

55. Josserva li d-dekriminalizzazzjoni tal-korruzzjoni f'ċerti Stati Membri tal-UE tkun tnaqqas il-kredibilità tal-ordni pubbliku u tnaqqar ukoll il-kapaċità tal-UE li timbotta aġenda antikorruzzjoni ambizzjuża fuq skala dinjija; isostni l-kooperazzjoni aktar stretta bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

56. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex jemendaw il-leġiżlazzjoni kriminali tagħhom bil-għan li, meta neċessarju, tkun stabbilita ġurisdizzjoni ta' prosekuturi u qrati nazzjonali bis-setgħa li jinvestigaw u jipproċessaw reati ta' tixħim jew approprjazzjoni indebita ta' fondi pubbliċi, indipendentement mill-post fejn ġie kommess ir-reat, dment li r-rikavat ta' tali attività kriminali jinsab fl-Istat Membru inkwistjoni jew inħaslu hemm, jew il-persuna għandha "konnessjoni mill-qrib" mal-Istat Membri, partikolarment iċ-ċittadinanza, ir-residenza jew is-sjieda benefiċjarja ta' kumpanija bis-sede reġistrata jew b'sussidjarji fl-Istat Membru;

***Kontribut tal-UE lill-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tal-korruzzjoni fil-fora multilaterali***

57. Jistieden lill-Istati Membri tal-UE jniedu diskussjoni fil-livell tan-NU dwar it-tisħiħ tal-istandards dwar l-indipendenza u l-mandati tal-aġenziji antikorruzzjoni, fuq l-esperjenza tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR), tal-Kumitat

Internazzjonali ta' Koordinament tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u ta' korpi tan-NU, partikolarment il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem (HRC), fir-rigward tal-INDB (Prinċipji ta' Pariġi);

58. Jisħaq fuq il-bżonn li jissaħħu r-rabtiet bejn l-aġenziji antikorruzzjoni u l-INDB abbażi tal-mandat tal-INDB biex jindirizzaw il-korruzzjoni bħala għajn potenzjali diretta jew indiretta tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

59. Ifakkar fit-talba li għamel lill-Istati Membri tal-UE biex jappoġġaw it-twaqqif ta' Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-kriminalità finanzjarja, il-korruzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem b'mandat komprensiv, inklużi pjan orjentat lejn l-objettivi u evalwazzjoni perjodika tal-miżuri antikorruzzjoni meħuda mill-Istati; jistieden lill-Istati Membri tal-UE jassumu rwol ta' tmexxija fil-mobilizzazzjoni tal-appoġġ fost l-Istati Membri tal-HRC u jsiru sponsors konġunti ta' riżoluzzjoni li se toħloq il-mandat;

60. Jappella lin-NU tadotta strument ta' tfassil ta' standards dwar il-flussi finanzjarji illeċiti sabiex tiġġenera effikaċja akbar;

61. Jenfasizza l-bżonn li jkunu intensifikati l-kampanji nazzjonali u internazzjonali ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni relatata mal-korruzzjoni li jimmiraw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini bil-għan li jkun evidenzjat il-fatt li l-korruzzjoni għandha riperkussjonijiet negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u twassal, fost affarijiet oħra, għal disparitajiet soċjali, nuqqas ta' ġustizzja soċjali u livelli ogħla ta' faqar; iħeġġeġ lill-UE tiżviluppa u timplimenta programmi speċifiċi dwar il-liġijiet kriminali u proċedurali eżistenti u l-mekkaniżmi ta' lmentar; jenfasizza li l-edukazzjoni u l-informazzjoni imparzjali, indipendenti u pubblika jiżvolġu rwol fundamentali fit-tagħlim tal-ħiliet soċjali u tal-prinċipji ta' integrità li jaqdu l-interess pubbliku u jikkontribwixxu għall-Istat tad-dritt u għall-iżvilupp soċjoekonomiku ta' soċjetà;

62. Jirrakkomanda li l-eżami tal-kwistjoni tal-korruzzjoni bħala kawża ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll riżultat ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u Stat tad-dritt dgħajjef, ikunu integrati f'eżami perjodiku universali bħala mod li bih tkun indirizzata l-korruzzjoni u jkunu promossi t-trasparenza u l-aħjar prattiki; jenfasizza r-rwol li s-soċjetà ċivili tista' tiżvolġi billi tagħti kontribut f'dan il-proċess;

63. Jinkoraġġixxi l-approfondiment tal-impenji internazzjonali bil-għan li l-indirizzar tal-korruzzjoni jitpoġġa fil-qalba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU bħala mekkaniżmu għall-ġlieda kontra l-faqar globali;

***Korruzzjoni u traffikar tal-bnedmin***

64. Jinsab imħasseb li t-traffikar tal-bnedmin jista' jkun faċilitat permezz tal-korruzzjoni tal-atturi detenturi ta' livelli differenti ta' poter fdat, bħall-pulizija, l-uffiċjali tad-dwana, l-awtoritajiet tal-kontroll tal-fruntieri u s-servizzi tal-immigrazzjoni, li jistgħu jinjoraw, jittolleraw, jipparteċipaw fi u jorganizzaw it-traffikar tal-bnedmin;

65. Jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza ta' azzjonijiet antikorruzzjoni, bħat-trawwim tat-trasparenza u tal-obbligu ta' rendikont fl-amministrazzjonijiet, billi jiddaħħal mekkaniżmu ġenerali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u jiġu żgurat koordinament aħjar tal-istrateġiji kontra t-traffikar;

66. Jissottolinja r-rwol prominenti li jistgħu jiżvolġu l-approċċi sensittivi għall-ġeneru huma u jiżviluppaw politiki biex jiġġieldu kontra l-korruzzjoni fi ħdan il-qasam tat-traffikar tal-bnedmin;

***Negozju u drittijiet tal-bniedem***

67. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri kollha tan-NU, partikolarment il-membri tal-UE,

jimplimentaw bis-sħiħ il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u jinkludu impenji speċifiċi fi provvedimenti antikorruzzjoni fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem (kif mitlub skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija) jew jippromulgaw leġiżlazzjoni speċifika kontra t-tixħim;

68. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li ċerti Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE jagħmlu riferiment għall-korruzzjoni u, f'dan is-sens, jissuġġerixxu miżuri speċifiċi għall-prevenzjoni u għall-ikkastigar tal-prattiki korrotti u t-tixħim li jistgħu jirriżultaw fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jirrakkomanda li l-UE ssostni miżuri supplementari għall-promozzjoni tal-adozzjoni u tal-implimentazzjoni tal-konformità, tal-kodiċijiet u tal-istandards fil-kumpaniji kontra t-tixħim/il-korruzzjoni, u li l-parteċipanti fl-aġġudikazzjoni ta' kuntratti pubbliċi għandhom ikollhom fis-seħħ kodiċi sod kontra t-tixħim u kontra l-korruzzjoni kif ukoll prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxi; huwa tal-fehma li l-approprjazzjoni indebita ta' fondi pubbliċi, l-arrikkiment illeċitu jew it-tixħim għandhom ikunu punibbli b'sanzjonijiet speċifiċi supplementari fl-ambitu tad-dritt kriminali, partikolarment meta jirriżultaw fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem ikkawżat mill-att ta' korruzzjoni;

69. Jilqa' pożittivament id-Direttiva riveduta dwar il-Kontabilità fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja[1] u dwar id-diversità dwar rekwiżiti ta' rapportar tal-kumpaniji u tal-gruppi l-kbar, inkluż dwar l-isforzi tagħhom relatati mad-drittijiet tal-bniedem u mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jinkoraġġixxi lill-kumpaniji jiddivulgaw l-informazzjoni rilevanti kollha konformement man-nota ta' gwida imminenti li se toħroġ il-Kummissjoni;

70. Itenni l-appell tiegħu lill-Istati kollha u lill-UE biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv u kostruttiv fil-ħidma li qiegħed jagħmel l-grupp ta' ħidma intergovernattiv b'kompożizzjoni miftuħa dwar il-kumpaniji transnazzjonali u impriżi oħrajn fir-rigwrad tad-drittijiet tal-bniedem, bil-għan li joħroġ strument ġuridikament vinkolanti li jipprevjeni, jinvestiga, jikkumpensa u jagħti aċċess għal rimedju meta jseħħ ksur tad-drittijiet tal-bniedem, anki dawk li jirriżultaw mill-korruzzjoni; jistieden lill-Istati jagħmlu dak kollu neċessarju biex jippermettu proċeduri ċivili għad-danni fil-konfront ta' dawk li kkommettew atti ta' korruzzjoni, skont l-Artikolu 35 tal-UNCAC;

71. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha japplikaw il-linji gwida tal-OECD dwar l-Intrapriżi Multinazzjonali;

### *Ħtif tal-art u korruzzjoni*

72. Għadu mħasseb bis-sitwazzjoni fir-rigward tal-ħtif tal-art bħala konsegwenza tal-prattiki korrotti ta' kumpaniji, investituri barranin, atturi Statali nazzjonali u internazzjonali, uffiċjali u awtoritajiet; jissottolinja li l-korruzzjoni tippermetti l-ħtif tal-art, spiss bi żgumbramenti furzati, billi tagħti, fost affarijiet oħra, lil terzi kontroll illegali tal-art mingħajr il-kunsens tan-nies li jgħixu fuq dik l-art;

73. Jenfasizza li bosta stħarriġiet juru li l-korruzzjoni hi mifruxa fl-amministrazzjoni tal-art u qiegħda kull ma jmur ittappan il-fażijiet kollha tan-negozju tal-akkwist tal-artijiet, u li twassal għal firxa wiesgħa ta' impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem, li jvarjaw mill-ispostament furzat tal-komunitajiet mingħajr kumpens xieraq sal-qtil tad-difensuri

---

1 ĠU L 330, 15.11.2014, p. 1.

tal-artijiet[1]; jinnota bi tħassib, barra minn hekk, li hemm ir-riskju li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem jkompli jintensifika f'kuntest ta' żieda dejjem akbar fit-talba għall-ikel, il-fjuwil u prodotti bażiċi u żieda fl-investimenti f'artijiet fuq skala kbira f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw;

74. Ifakkar li s-settur finanzjarju għandu rwol ewlieni xi jwettaq fil-prevenzjoni ta' prattiki korrottti li jiffaċilitaw b'mod partikolari l-ħtif tal-art; itenni li l-banek u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iwettqu "diliġenza dovuta tal-klijenti" biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus marbut mal-korruzzjoni, u biex jiżguraw li l-investituri appoġġati minnhom jieħdu miżuri effikaċi ta' diliġenza dovuta fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrikjedu l-iżvelar tad-dettalji dwar l-akkwisti ta' artijiet minn kumpaniji f'pajjiżi terzi, u jaġġornaw l-appoġġ tagħhom lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi tal-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti (VGGT) bħala mezz biex jindirizzaw il-korruzzjoni fin-negozju tal-artijiet;

***Elezzjonijiet u funzjonament tal-entitajiet demokratikament eletti***

75. Jenfasizza li wieħed mill-objettivi tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni għandu jkun dak li jintemmu l-abbużi gravi li jgħawġu d-demokrazija u l-proċessi politiċi u tkun promossa ġudikatura indipendenti, imparzjali u effikaċi; jitlob li l-partiti politiċi jissaħħu fir-rwol tagħhom ta' kanali ta' rappreżentanza demokratika u parteċipazzjoni politika billi jkunu mgħammrin b'mod effiċjenti; josserva f'dan is-sens li r-regolamentazzjoni tal-finanzjament politiku, inkluża l-identifikazzjoni tad-donaturi u ta' sorsi finanzjarji oħrajn, hija għalhekk ċentrali għall-preservazzjoni tad-demokrazija;

76. Josserva bi tħassib li l-frodi elettorali u l-korruzzjoni marbuta mal-proċessi elettorali u mal-funzjonament tal-entitajiet u tal-assemblej ta' rappreżentanti eletti jimminaw serjament il-fiduċja fl-istituzzjonijiet demokratiċi u jdgħajfu d-drittijiet ċivili u politiċi billi jipprevjenu rappreżentanza ugwali u ġusta u jpoġġu lill-Istat tad-dritt f'dubju; josserva r-rwol pożittiv tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali biex jikkontribwixxu għat-tmexxija korretta tal-elezzjonijiet u jsostnu r-riforma tal-liġi elettorali; jinkoraġġixxi aktar kooperazzjoni mal-entitajiet internazzjonali speċjalizzati f'dan il-qasam bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE;

77. Jissottolinja l-ħtieġa speċifika li jinżammu l-ogħla standards etiċi u ta' trasparenza possibbli fil-funzjonament tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u fl-assemblej reġjonali inkarigati mill-protezzjoni u mill-promozzjoni tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-Istat tad-dritt, billi jingħaqdu l-istituzzjonijiet u l-professjonijiet tad-dinja kollha biex tissaħħaħ il-kapaċità u titrawwem kultura komuni ta' integrità; jissottolinja l-bżonn ta' promozzjoni ta' prattiki trasparenti billi jkunu elaborati kodiċijiet ta' kondotta u miżuri speċifiċi favur it-trasparenza għall-prevenzjoni u għall-investigazzjoni ta' kull frodi jew aġir ħażin;

78. Jisħaq fuq il-bżonn li l-lobbying ikun regolat b'mod rigoruż skont il-prinċipji ta' ftuħ u trasparenza, bil-għan li jiġi żgurat li l-gruppi ta' interess kollha jkollhom aċċess indaqs għal min jieħu d-deċiżjonijiet u jintemmu l-korruzzjoni u r-riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jidentifikaw u jikkundannaw kull forma ta' lobbying moħbija, illegali u kuntrarja għall-etika; jistieden lill-UE tippromwovi t-trasparenza tal-proċessi deċiżjonali u leġiżlattivi fl-Istati Membri u fil-

[1] Olivier De Schutter, "*Tainted Lands: Corruption in Large-Scale Land Deals*", International Corporate Accountability Roundtable & Global Witness (November 2016). https://www.globalwitness.org/en/campaigns/land-deals/tainted-lands-corruption-large-scale-land-deals/

kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi;

79. Jikkundanna bil-qawwa, wara r-rivelazzjonijiet reċenti tal-"Azerbaijani Laundromat", it-tentattivi mill-Ażerbajġan u reġimi awtokratiċi oħra f'pajjiżi terzi biex jinfluwenzaw b'mezzi illeċiti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa; jitlob li jkun hemm investigazzjoni komprensiva mill-Parlament dwar l-allegazzjonijiet imsemmija hawn fuq u, b'mod usa', dwar l-influwenza eżerċitata minn dawn ir-reġimi; jitlob lill-Parlament jadotta miżuri robusti għall-prevenzjoni tal-okkorrenza ta' korruzzjoni tali, li ddgħajjef il-kredibbiltà u l-leġittimità tax-xogħol tal-Parlament, inkluż dwar id-drittijiet tal-bniedem;

*Avvenimenti sportivi kbar u rabtiet mal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u mal-korruzzjoni*

80. Għadu mħasseb dwar il-ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema u dwar il-korruzzjoni f'livell għoli marbuta ma' avvenimenti sportivi internazzjonali ewlenin u mal-proġetti infrastrutturali fuq skala kbira relatati; jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn il-korpi governattivi tal-isport u l-aġenziji antikorruzzjoni internazzjonali u l-NGOs bil-għan li jkunu stabbiliti impenji trasparenti u verifikabbli fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem min-naħa tal-organizzaturi tal-avvenimenti sportivi l-kbar u ta' dawk li jikkandidaw ruħhom biex itellgħuhom; jisħaq fuq il-fatt li dawn il-kriterji għandhom ikunu parti mill-kriterji ta' aġġudikazzjoni tal-post fejn jittellgħu dawn l-avvenimenti;

81. Huwa tal-fehma li anki l-federazzjonijiet sportivi mhux governattivi internazzjonali l-kbar jeħtiġilhom jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u għat-trażżin tagħha u li jeħtieġ li jintensifikaw l-isforzi tagħhom f'dan is-sens; iqis li tali federazzjonijiet jenħtieġ li jagħrfu li għandhom ir-responsabilità fil-qasam tar-rispett tad-drittijiet tal-awtur u li għaldaqstant jenħtieġ li l-awtoritajiet governattivi antikorruzzjoni jingħataw poteri aktar b'saħħithom għall-investigazzjoni u għas-sanzjonijiet fil-każijiet ta' korruzzjoni li jinvolvu lill-federazzjonijiet sportivi internazzjonali mhux governattivi l-kbar;

82. Jemmen li l-korruzzjoni fil-livell għoli tal-amministrazzjoni sportiva, it-tbagħbis ta' logħob, l-akkwist, il-ftehimiet dwar l-approvazzjoni, l-għażla tas-siti, l-imħatri illegali u d-doping kif ukoll l-involviment tal-kriminalità organizzata għamlu ħsara lill-kredibilità tal-entitajiet sportivi;

83. Jemmen li l-integrità fl-isport jista' jikkontribwixxi għall-aġenda globali għall-iżvilupp u għall-governanza tajba fil-livell internazzjonali;

*Rifuġji fiskali*

84. Iħeġġeġ l-implimentazzjoni ta' politiki ta' tolleranza żero fil-konfront tar-rifuġji fiskali u tal-ħasil tal-flus, standards internazzjonali ogħla u jinkoraġġixxi kooperazzjoni internazzjonali aktar stretta għad-determinazzjoni tas-sjieda sigrieta tal-kumpaniji tal-isem u tat-trusts użati għall-evażjoni tat-taxxa, għall-frodi, għall-kummerċ illegali, għall-flussi ta' kapital, għall-ħasil tal-flus u biex jinsilet vantaġġ mill-korruzzjoni;

85. Isostni enerġikament l-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' standards pubbliċi ta' rapportar għal kull pajjiż fl-Ewropa u fil-pajjiżi terzi, li abbażi tagħhom il-kumpaniji multinazzjonali jkollhom l-obbligu li jippreżentaw rapporti b'informazzjoni finanzjarja bażika għal kull ġurisdizzjoni li fiha joperaw, bil-għan li jipprevjenu l-korruzzjoni u l-evitar tat-taxxa;

86. Ifakkar fir-responsabilità tal-UE fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa min-naħa tal-kumpaniji transnazzjonali u tal-individwi u fl-indirizzar tal-pjaga tal-flussi finanzjarji illeċiti mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li jdgħajfu notevolment il-kapaċità tagħhom li

jiġbru riżorsi suffiċjenti biex jottemperaw għall-obbligi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

87. Jilqa' pożittivament l-inizjattivi ggwidati mill-Ewropa għall-iżvilupp ta' skambju globali ta' informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja, biex tissaħħaħ l-effikaċja tal-Istandards Komuni ta' Rapportar, kapaċi jikxfu l-irregolaritajiet finanzjarji;

88. Jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni globali għal-lokalizzazzjoni tal-assi misruqa u biex jinroddu lura, fis-sikurezza, lis-sid leġittimu tagħhom; itenni li l-UE għandha d-dmir li tgħin lill-pajjiżi terzi jirrimpatrijaw l-assi miksuba illegalment moħbija fis-sistemi finanzjarji tal-Istati Membri tal-UE fil-proprjetajiet immobiljari u biex jitressqu għall-presekuzzjoni dawk responsabbli, il-faċilitaturi u l-intermedjarji; iħeġġeġ lill-UE tagħti prijorità lil din il-kwistjoni ta' rilevanza kbira fil-pajjiżi terzi li jgħaddu minn proċessi ta' demokratizzazzjoni, l-aktar billi jiġu indirizzati l-ostakli ġuridiċi u n-nuqqas ta' disponibilità ta' kooperazzjoni min-naħa taċ-ċentri finanzjarji; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li s-sekwestru tal-assi jinħall mill-kundanna fl-Istat rikjedenti bil-għan li tingħata assistenza legali reċiproka u jitkomplew l-proċedimenti, fejn jeżistu provi suffiċjenti ta' irregolarità;

89. Ifakkar li l-korruzzjoni hi marbuta mill-qrib ma' attivitajiet bħall-ħasil tal-flus, l-evażjoni fiskali u l-kummerċ illeċitu; jenfasizza, fid-dawl ta' dan, li t-trasparenza għandha tkun is-sies tal-istrateġiji kollha kontra l-korruzzjoni;

90. Jenfasizza li l-UE trid tippromwovi, bħala prijorità fil-fora internazzjonali rilevanti kollha, il-ġlieda kontra r-rifuġji fiskali, is-sigriet bankarju u l-ħasil tal-flus, kif ukoll it-tneħħija tas-sigriet professjonali eċċessiv, ir-rapportar pubbliku għal kull pajjiż għall-impriżi multinazzjonali u r-reġistri pubbliċi li fihom informazzjoni dwar is-sidien benefiċjarji tal-kumpaniji; jirrimarka li l-maġġor parti tal-istrumenti għall-ġlieda kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa hija adatta biex tiġġieled il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus;

***Libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni***

91. Jissottolinja l-importanza enormi tal-mezzi ta' komunikazzjoni indipendenti, kemm online kif ukoll offline, fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u fil-kundanna tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza u tiġġieled kontra l-impatt negattiv possibbli tal-liġijiet tal-malafama fil-pajjiżi terzi u jtenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri kollha għall-dekriminalizzazzjoni tal-malafama u għas-sempliċi użu tal-proċedimenti ċivili bħala mezz biex titħares ir-reputazzjoni tal-persuni; jissottolinja l-fatt li s-sigurtà diġitali tikkostitwixxi elementi importanti għall-protezzjoni tal-attivisti; jirrakkomanda bis-saħħa li t-trasparenza tas-sjieda u tal-isponsorizzazzjoni tal-mezzi ta' komunikazzjoni tkun żgurata permezz ta' leġiżlazzjon nazzjonali;

92. Jitlob li tingħata prominenza akbar lir-rispett tal-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni, fid-dawl tal-importanza tagħha fir-relazzjonijiet internazzjonali tal-UE mal-pajjiżi terzi; jemmen li d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tal-pajjiżi terzi mal-UE favur ir-riformi tal-mezzi ta' komunikazzjoni jenħtieġ li jkunu pubbliċi u trasparenti, barra milli jipprevedu mekkaniżmi ta' skrutinju; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-UE tiggarantixxi li l-proġetti tal-UE fil-pajjiżi terzi jservu biex, fost affarijiet oħra, isostnu l-libertajiet tal-mezzi ta' komunikazzjoni u jinvolvu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-UE tikkundanna pubblikament id-dħul fis-seħħ ta' liġijiet li jillimitaw il-libertajiet tal-mezzi ta' komunikazzjoni u l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

93. Jippromwovi l-valuri ta' internet miftuħ u sigur għal skopijiet tas-sensibilizzazzjoni dwar il-prattiki korrotti min-naħa ta' individwi, organizzazzjonijiet u gvernijiet u jesprimi tħassib għall-fatt li dawk li jippruvaw jillimitaw il-libertajiet online jagħmlu dan biex jevitaw li jagħtu kont ta' għemilhom;

94. Jinsisti biex l-aġġudikazzjoni tal-kuntratti pubbliċi tkun ġusta, responsabbli, miftuħa u trasparenti, biex tipprevjeni u tikxef is-serq jew l-użu ħażin ta' flus il-kontribwenti;

95. Jirrimarka li, fil-fora kollha għad-djalogu mal-pajjiżi terzi, fosthom dawk bilaterali, l-UE jenħtieġ li tenfasizza l-importanza tad-difiża tad-dritt għall-aċċess għall-informazzjoni pubblika; jenfasizza, partikolarment, il-bżonn li jkunu ffissati standards li jiżguraw l-aċċess kemm jista' jkun sħiħ kif ukoll malajr għal tali informazzjoni, inkwantu l-veloċità tal-aċċess hija ta' importanza fundamentali fl-isforzi favur id-difiża tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jistieden lill-UE tippromwovi l-aċċess għall-informazzjoni pubblika kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi terzi;

o

o o

96. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Bank Ċentrali Ewropew.